# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**B.A., LL.D., DIP. TRIB. ECCLES. MELIT.**

**Rikors Maħluf Nru: 922/2019**

**AVV. MICHELE CARDINALI U B'DIGRIET TAT-18 TA' MARZU 2021, AVV. MICHELE CARDINALI ĠIE SOSTITWIT BL-AVUKAT MATTHEW PARIS, BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TA' FRUIT WORLD LIMITED**

**VS.**

**PAUL ATTARD**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet kamerali li permezz tiegħu din il-Qorti qiegħda tqajjem żewġ eċċezzjonijiet *ex officio* skont l-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, wara li ħadet qies tal-atti kollha ta' din il-kawża;

2. Il-ħtieġa tal-Qorti li tqajjem żewġ eċċezzjonijiet *ex officio* nibtu minn żewġ okkażjonijiet differenti: (i) min-**nota mressqa fit-23 ta' Lulju, 2020** (f'paġna 131 tal-atti) li biha l-kumpannija attriċi ċediet l-ewwel erba' talbiet fir-rikors maħluf tagħha fejn hija kienet qiegħda titlob lill-konvenut biex jersaq għall-firma tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, skont kif imwiegħed minnu fil-konvenju tal-11 ta' Diċembru 2018 u li ġie

mġedded fit-30 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Awwissu, 2019; u (ii) mix-xiehda u mid-dokumenti mressqa mill-**<u>avukata Yvette Borġ waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru, 2020</u>** (f'paġni 146 sa 152 tal-atti), minn fejn ħareġ li l-ittra uffiċjali meħtieġa għall-għanijiet tal-**artikolu 1357(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ġiet ippreżentata fil-jum li kien jiskadi l-konvenju, wara li r-reġistru tal-Qorti ġie miftuħ b'urġenza wara l-ħinijiet normali tiegħu;

3. Iż-żewġ eċċezzjonijiet *ex officio* jew aħjar mistoqsijiet li din il-Qorti tixtieq li l-partijiet jiddiskutu aktar fil-fond waqt il-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża huma dawn:

    i. Jekk l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-31 ta' Awwissu, 2019 wara l-ħinijiet normali tar-reġistru hijiex valida għall-finijiet tal-**artikolu 1357(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk jekk il-konvenju kienx laħaq skada meta daħlet l-ittra uffiċjali inkwistjoni?; u

    ii. Jekk il-kumpannija attriċi tistax titlob fil-ħames talba tagħha li tieħu d-depożitu li tħalla fuq l-att tal-konvenju bħala parti mill-prezz, ladarba bin-nota ta' ċessjoni tagħha tat-23 ta' Lulju, 2020 hija minn jeddha (u mhux għaliex hemm xi sentenza li tgħid li l-bejgħ ma jistax isir), għażlet li ċċedi l-ewwel erba' talbiet tagħha biex isir il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ?

4. Naturalment il-Qorti għadha ma tat l-ebda ġudizzju dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet u qiegħda tirriżerva li tiddeċidihom mas-sentenza finali;

5. Li qed tagħmel għalissa din il-Qorti huwa li b'ħarsien tal-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija qiegħda tgħarraf minn qabel lill-partijiet b'dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet *ex officio* li jixraq illi jiġu deċiżi wkoll fis-sentenza finali, flimkien mat-talbiet tal-kumpannija attriċi u mal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet, bit-tħaddim tal-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-Qorti qiegħda ddaħħal bħala parti fil-kawża ż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija

f'paragrafu 3 ta' dan id-digriet u fl-istess ħin qiegħda tagħti lill-partijiet l-opportunità li jekk iridu jipproduċu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet dwarhom qabel tingħata s-sentenza finali;

Il-Qorti tordna li l-kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi mgħoddi elettronikament lill-avukati Matthew Paris u Pawlu Lia.

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Mejju, 2021.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**